

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' Ottubru 2010 — Cervelli vs Il-Kummissjoni****(Kawża F-98/10)**

(2011/C 13/83)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti:* Francesca Cervelli (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: J. R. García-Gallardo Gil-Fournier u M. Arias Díaz, avukati)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Suġġett**

Annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni illi tirrifjuta li tagħti l-allowance ta' espatrijazzjoni lir-rikorrenti.

**Talbiet tar-rikorrenti**

— jiddikjara n-nullità tad-deċiżjoni ta' 24 ta' Ottubru 2010;

— jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fil-5 ta' Ottubru 2010 — Ashbrook et vs Il-Kummissjoni****(Kawża F-99/10)**

(2011/C 13/84)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti:* Michael Ashbrook (Lussemburgu, il-Lussemburgu) et (rappreżentanti: B. Cortese, C. Cortese u F. Spitaleri, avukati)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Suġġett**

Annullament tad-deċiżjonijiet tal-konvenuta, imniżżla fl-istqarrijiet ta' remunerazzjoni tar-rikorrenti, li jiġi limitat l-aġġustament tal-paga bażika tagħhom, minn Lulju 2009, favur żieda ta' 1,85 % fil-kuntast tal-aġġustament annwali tar-remunerazzjonijiet u pensjonijiet tal-uffiċjali u l-aġenti l-oħra abbażi tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1296/2009, tat-23 ta' Diċembru 2009 u talba għad-danni.

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni espressi fl-istqarrijiet ta' remunerazzjoni tax-xhur ta' Jannar 2010 et seq, kif ukoll

fl-istqarrijiet ta' arretrati għas-sena 2009, sa fejn dawn japplikaw rata ta' aġġustament ta' 1,85 % minflok rata ta' 3,7 %

— tikkundanna lill-Kummissjoni għar-rimbors tad-differenza bejn l-ammonti tar-retribuzzjonijiet imħallsa skont ir-Regolament Nru 1296/09 sad-data tal-għoti tas-sentenza f'din il-kawża u dawk li jmisshom tħallsu li kieku l-aġġustament kellu jiġi kkalkolat korrettament, flimkien mal-interessi b'rata ffissata mill-Bank Ċentrali Ewropew għat-tranżazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid applikabbli matul il-perijodi kkonċernati, miżjuda bi tliet punti u nofs, u dan mid-data li fiha s-somom mitluba fil-kawża prinċipali kienu dovuti,

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fil-21 ta' Ottubru 2010 — De Pretis Cagnodo u Trampuz vs Il-Kummissjoni Ewropea****(Kawża F-104/10)**

(2011/C 13/85)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan***Partijiet***Rikorrenti:* Mario Alberto de Pretis Cagnodo u Serena Trampuz (Trieste, l-Italja) (rappreżentant: C. Falagiani, avukat)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni li tiċħad ir-rimbors ta' 100 % ta' ċerti spejjeż mediċi marbuta mal-kura fi klinika ta' mart uffiċjal irtirat

**Talbiet tar-rikorrenti**— Tissospendi jew, fi kwalunkwe każ, tinibixxi provviżorjament, fid-dawl tal-*fumus boni juris* tat-talba preżenti, tad-dannu gravi patrimonjali li altrimenti r-rikorrenti jsostnu u tan-nuqqas ta' ċarezza fir-rigward tad-determinazzjoni tas-somom ikkontestati, l-eżekuzzjoni tal-proċedura ta' rkupru sforzat tas-somom inkwistjoni u, b'hekk, tinibixxi provviżorjament it-tnaqqis *ex officio* mill-pensjoni ta' M. de Pretis Cagnodo;

— wara li tikkonstata u tiddikjara li l-ebda kritika jew ilment ma jista' jsir fir-rigward ta' S. Trampuz għal dak li jirrigwarda l-kwantifikazzjoni u l-ħlas tal-ispejjeż ta' akkomodazzjoni rikjesti mill-klinika fejn ġiet rekovertata, wara